**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Jannar 2024**

**Rikors nru : 655/2023 AGV**

**G A**

***u***

**R A O' S**

**vs**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors guramentat kongunt ta'  GA  u RA O 'S  c/o 19, St. Mark Street, Valletta, a tenur tal-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, data 12 ta' Dicembru 2023;**

Tesponi bir-rispett:

1. ILLI l-partijiet izzewgu nhar illi huma zzewgu nhar fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) fil-Parocca tal-Kuncizzjoni Immakulata, f' Bormla liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru tnejn zero hamsa wiehed tas sena elfejn (2051/2000) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala '**Dok. GRA1'**);

2. ILLI miz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe'  GA  imwielda fid-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) u li allura llum il- gurnata hija maggorenni u  Z A li twieled nhar is-sitta (6) ta' Novembru tas sena elfejn u sebgha (2007) u li llum ghadu minorreni. Kopja tac-certifikati tat-twelid qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala '**Dok GRA2'** u **'Dok GRA3'**.

3. ILLI l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat nhar is-sitta (6) ta' Marzu, tas-sena elfejn u dsatax (2019) in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Alicia Agius, kopja ta' liema qiegħdha tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok GRA4'**.

4. ILLI illi fir-rigward tal-manteniment versu t-tfal ai termini ta' klawzola numru disa (9) paragrafu (a) tal-kuntratt surreferit, ir-rikorrenti  GA obbliga ruhu li jhallas il-manteniment ta' hames mija u hamsin Ewro (€550)

fix-xahar u cioe mitejn hamsa u sebghin Ewro (€275) fix-xahar ghal kull wild pagabbli fl-ewwel gurnata tax-xahar, bil-quddiem. Dwar il-manteniment qatt ma kien hemm problemi.

5. ILLI r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti *stante*:

    i. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament, sa mis-sena elfejn u dsatax (2019);

    ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikociljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

    iii. Illi *ai termini* tal-klawzola numru hamsa (5) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu tal-manteniment reciproku u, ghalhekk, l-ebda manteniment m'hu dovut f'dan ir-rigward;

    iv. Illi fir-rigward tal-manteniment ghat-tfal ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar l-imsemmi manteniment;

6. ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-*affidavits* hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok. GRA5'** u **'Dok GRA6'**.

7. ILLI ghall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f'Malta;

GhALDAQSTANT, *in vista* tas-s*uespost*, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogghobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun *a tenur* tal-Artikolu 66 A *et seq* tal-Kaptitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. TIPPRONUNZJA l-hall ta' zwieg li gie celebrat mill-partijiet nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) fil-Parocca tal-Kuncizzjoni Immakulata, f'Bormla;

2. TORDNA lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan that dawk il-provvedimenti kollha li dina il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il- 25 ta' Novembru 2000.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**